

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-10 ta' Diċembru 2015 – El Corte Inglés, SA vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-603/14 P)<sup>(1)</sup>

**Appell — Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark vebali “The English Cut” — Oppożizzjoni tal-proprietarju tat-trade marks nazzjonali u Komunitarji verbali u figurattivi li jinkludu l-elementi verbali “El Corte Inglés” — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(5) — Riskju li l-pubbliku kkonċernat jagħmel konnessjoni ma' trade mark li tibbenefika minn reputazzjoni — Grad ta' xebħ meħtieġ**

(2016/C 048/08)

Lingwa tal-kawża: l-İspanjol

### Partijiet

Appellant: El Corte Inglés, SA (rappreżentant: J. Rivas Zurdo, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġġent)

### Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea tal-15 ta' Ottubru 2014, El Corte Inglés vs UASI – English Cut (The English Cut) (T-515/12, EU:T:2014:882), hija annullata sa fejn tiddeċiedi li mill-fatt li s-sinjal f'kunflitt ma għandhomx grad ta' xebħ bizzżejjed sabiex iwassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja, jirriżulta li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) ta' dan l-artikolu lanqas ma kienu, għaldaqstant, sodisfatti f'dan il-każ.
- 2) Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.
- 3) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġeneral.
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.

<sup>(1)</sup> ĠU C 107, 30.03.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-10 ta' Diċembru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Düsseldorf – il-Ġermanja) – TSI GmbH vs Hauptzollamt Aachen**

(Kawża C-183/15)<sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Subintestatura 9027 10 10 — Granulometri ajrudinamiċi ultravjola — Counters ta' partiċelli li jistgħu jingħarru)**

(2016/C 048/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf